# KUNSILL LOKALI
# ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

# IL-PJAN TAL-ĦIDMA
# 2011 - 2013

---

## IL-WERREJ


| | |
|---|---|
| INTRODUZZJONI U TBASSIR DWAR IR-RENDIMENT | 1 |
| ID-DIKJARAZZJONI TAL-MISSJONI U L-VALURI | 2 |
| L-GĦANIJIET, IR-RIŻULTATI MISTENNIJA U L-ISTRATEĠIJI | 3 |
| ANALIŻI TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILL | 5 |
| IT-TBASSIR DWAR IL-FINANZI | 6 |
| L-IŻVILUPP KAPITALI | 9 |

## 1.0 Introduzzjoni u Tbassir dwar ir-Rendiment

Dan il-Pjan ta' Ħidma hu l-ħames u l-aħħar wieħed tal-ħames Kunsill Lokali taż-Żebbuġ - Għawdex. Dan il-Pjan ikopri s-snin finanzjarja tal-Kunsill 2011 – 2013.

Ix-xogħlijiet u l-proġetti li rnexxielu jwettaq matul l-2010 ġew deskritta fl-aħħar rapport annwali amministrattiv.

Il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ bil-koperazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ser ikun qed jaħdem biex jiġu milħuqa l-miri tiegħu u li huma:

- li jkun ta' servizz kontinwu għar-residenti u l-eluf ta' nies li jżuru l-lokalita`;
- li jakkwista bi prezzijiet tajba l-aħjar servizzi u xogħlijiet;
- li jaħdem id f' id ma' entitajiet governattivi bħal ma hi l-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jgħixu f' ambjent aktar nadif u aħjar.

Rwol prinċipali tal-Kunsill Lokali huwa li jieħu ħsieb jipprovdi u jamministra dawk is-servizzi kif ukoll xogħlijiet li l-Gvern Ċentrali ddelega lil kull Kunsill u li huma l-ġbir ta' l-iskart domestiku u goff, it-tiswija ta' lampi tat-toroq, it-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, mogħdijiet qalb l-egħlieqi, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-'soft areas', ix-xtut kif ukoll is-sinjali u l-marki tat-traffiku. Ser jaħdem biex iżomm il-livell milħuq u fejn hemm bżonn jara li jsir titjib f' dan il-qasam tant importanti. Il-Kunsill Lokali huwa dejjem miftuħ għas-suġġerimenti taċ-ċittadini tiegħu.

### ĦIDMA SOĊJALI

Il-Kunsill taż-Żebbuġ impenjat ikompli jkabbar l-attivita` tiegħu fil-kamp soċjali. Uħud mill-inizzjattivi u attivitajiet li bi ħsiebu jorganizza:

- Servizzi varji lill-persuni anzjani u dawk b' diżabilita`.
- Ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani – Sħubija fit-tmexxija taċ-Ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani f' Għajnsielem.
- Titjib fil-librerija tal-lokal - installazzjoni tas-servizz tal-'Internet' u teknoloġija oħra kif ukoll xiri ta' aktar kotba edukattivi.
- Programmi ta' taħriġ.
- Festi Pawlini u l-attivita' 'Ġmiel il-Fatra' f' Marsalforn.
- Programm ta' attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żebbuġ li jinkludi l-*weekend* ta' attivitajiet 'Ilwien ir-Rebbiegħa' .
- Diversi attivitajiet kulturali, sportivi u soċjali.
- Attivitajiet biex tingħata promozzjoni lit-talent lokali.

### PROĠETTI KAPITALI

Il-Kunsill Lokali u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ser ikunu qed jaħdmu biex jitkompla l-programm li l-Kunsill beda diversi snin ilu dak ta' kisi bit-tarmak ta' toroq residenzjali.

Ta' min jirrimarka li l-proġetti ta' infrastruttura bħal bini ta' postijiet ta' rikreazzjoni se jkunu stabbilizzati fl-estimi annwali.

Għal 2011, qed ikun ipproġettat li jitwettqu diversi xogħlijiet, fosthom:

- Il-bdil ta' bankini f' diversi toroq.
- Il-kisi bit-tarmak ta' diversi toroq fosthom Triq iċ-Ċnus, Triq tal-Konti u parti minn Triq Santa Marija f' Marsalforn.
- Sistemi ġodda ta' dwal għal Triq is-Sajjied, Triq Santa Marija u partijiet minn Triq Għajn Mhelhel u Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.
- *Embellishment* tat-toroq ta' madwar il-wied prinċipali ta' Marsalforn.
- Turf sintetiku għall-grawnd tal-iskola.

Fiduċjużi li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn ser jgħinu biex ikompli jitjib l-ambjent taż-Żebbuġ kif ukoll ta' Marsalforn.

Aħna lkoll qed inħarsu b' ottimiżmu lejn din l-isfida eċċitanti biex nittrasformaw liż-Żebbuġ fl-aqwa lokalita` f' Malta u Għawdex.

Kav. Carmelo Saliba
***Sindku***

Diane Tagliaferro
***Segretarja Eżekuttiva***

## 2.1 Id-Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Għan ewlieni tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ hu li jkun ta' servizz kontinwu għar-residenti taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn kif ukoll għall-eluf ta' viżitaturi li jżuru l-bajjiet tagħna. Il-Kunsill Lokali ser jagħmel kull sforz biex jamministra bl-aħjar mod possibbli r-riżorsi finanzjarja tiegħu.

## 2.2 Il-Valuri

Il-valuri li jħaddan il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ huma:

- li jkabbar kemm jista' jkun il-ġid tal-komunita` kollha waqt li jirrispetta l-bżonnijiet ta' individwi u setturi partikulari;
- li jirrispetta l-opinjonijiet tal-membri kollha tal-komunita` li jirrappreżenta;
- li jirrispetta l-ambjent u l-wirt kulturali u storiku taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn;
- li jkun ġust u trasparenti fl-amministrazzjoni tiegħu;
- li jirċievi u jipprovdi l-aħjar servizzi.

## 3.1 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija fl-ewwel sena (2011)

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| • Kontroll tan-nefqa.<br>Nassiguraw li l-fondi jintefqu fuq l-aqwa servizzi u xogħlijiet. | • Bilanċ pożittiv bejn id-dħul u l-infiq.<br>L-ilmenti jonqsu b' ammont konsiderevoli. |
| • Titjib fil-kwalita` tax-xogħol. | • Iċ-ċittadin ikun moqdi mill-aħjar u fl-iqsar żmien possibbli. |
| • Deċentralizazzjoni ta' diversi funzjonijiet. | • It-tiswija tal-lampi tat-toroq li sa issa l-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tieħu ħsieb it-tiswija tagħhom.<br>Ir-"re-instatement" tat-toroq wara xogħlijiet ta' tħaffir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.<br>Il-ħruġ u t-tiġdid ta' permessi. |
| • Definizzjoni w implementazzjoni ta' programm biex intejbu w insebbħu l-ambjent tar-raħal. | • Il-kisi bit-tarmak ta' Triq iċ-Ċnus, Triq tal-Konti u parti minn Triq Sta Marija.<br>*Embellishment* tat-toroq ta' madwar il-wied prinċipali ta' Marsalforn.<br>Sistemi ġodda ta' dwal għal Triq is-Sajjied, Triq Sta Marija u partijiet minn Triq Għajn Mhelhel u Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.<br>Turf sintetiku għall-grawnd tal-iskola. |
| • Servizzi oħra fil-komunita`. | • Berġa addattata għaż-żmenijiet ta' llum – aktar faċilitajiet mill-Berġa tal-lokal.<br>Titjib fil-librerija - Akkwist ta' aktar kotba b' riżultat li aktar nies jagħmlu użu mill-librerija, possibbilita` wkoll li jiġi nstallat is-servizz ta' l-"internet" fil-librerija.<br>Programmi edukattivi.<br>Organizzazzjoni ta' attivitajiet. |

## 3.2 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija għal żmien fit-tul (2012 u 2013)

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| • Jikkontrolla n-nefqa kurrenti. | • Iwettaq aktar xogħlijiet ta' infrastruttura bħal ngħidu aħna l-kisi bit-tarmak ta' diversi toroq, proġetti ta' tisbiħ, estensjoni ta' faċilitajiet sportivi kif ukoll ta' fuq ix-xtut u proġetti oħra. |
| • Jiddiskuti ma' dawk l-individwi u għaqdiet tal-lokal li jkunu lesti jagħtu l-kontribut tagħhom f' attivitajiet imtella' mill-Kunsill. | • Organizzazzjoni ta' programmi edukattivi kif ukoll attivitajiet kulturali u soċjali. |
| • Effiċjenza. | • Deċentralizazzjoni ta' poteri oħra – Tinqata' ħafna mill-burokrazija li teżisti. |

## 3.3 L-Istrateġiji

Il-Kunsill Lokali ddiskuta fit-tul l-istrateġiji li ser jaddotta f' dawn it-tlett snin li ġejjin biex jiżgura li l-oġġettivi u l-pjanijiet tiegħu jiġu milħuqa. Dawn l-istrateġiji huma mmirati biex joħolqu opportunitajiet ġodda waqt li jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' theddida għas-suċċess tal-Kunsill.

L-istrateġiji għas-snin 2011 – 2013 huma:

- li jiżviluppa relazzjonijiet tajba ma' Kunsilli Lokali oħra, Dipartimenti tal-Gvern u kumpaniji privati biex jakkwista l-aqwa servizzi bl-inqas spiża;
- li jinkoraġġixxi djalogu, rispett u li jaħdem bħala tim wieħed;
- li juża l-aħjar metodi tekniċi ta' tmexxija;
- li jinvolvi n-negozji tal-komunita` fil-finanzjament ta' proġetti kapitali u soċjali biex joħloq diversi żviluppi għall-benefiċċju li jitgawda fit-tul miċ-ċittadini residenti fil-lokal.

## 4.1 L-Organizzazzjoni

L-organizzazzjoni tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ

**Sindku, Deputat Sindku u Kunsillieri**

**_Chairperson_ u Membri tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**

**Segretarja Eżekuttiva**

**Assistent Uffiċjal Prinċipali**

**Contracts Manager (Perit)**

**Contracts Manager (Technical Officer)**

L-istrateġiji jiġu deċiżi mill-Kunsill u eżekwiti minnu stess.

Qabel jieħu xi deċiżjoni, il-Kunsill jikkonsulta mal-partijiet kollha konċernati.

L-i*staff* tal-Kunsill jipprovdi assistenza segretarjali lill-Kunsillieri kollha. L-impjegati għandhom ir-responsabbilta` li jirreġistraw l-ilmenti, it-talbiet u s-suġġerimenti tal-pubbliku waqt li jaraw li t-talbiet għal tagħrif ikunu sodisfatti minnufih. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha l-inkarigu li ġġib għall-attenzjoni tal-Kunsill u / jew l-Entitajiet Governattivi konċernati (skont il-każ) dwar it-talbiet u l-ilmenti li tirċievi. Hi tara li fi żmien raġonevoli tittieħed azzjoni xierqa għal kull kwistjoni.

# 5.0 Tbassir Finanzjarju

## 5.1 Stima Finanzjarja għal Tlett Snin

| NRU. TAL-KONT | DESKRIZZJONI | a<br>STIMA 2011 (€) | b<br>STIMA 2012 (€) | c<br>STIMA 2013 (€) | c-b<br>STIMA 2011 - 2013 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 404,920.00 | 417,550.00 | 419,000.00 | **1,241,470.00** |
| 0020 | Bye-laws | 180,440.00 | 86,200.00 | 106,500.00 | **373,140.00** |
| 0090 | Investiment | 1,200.00 | 1,500.00 | 1,200.00 | **3,900.00** |
| | TOTAL | **586,560.00** | **505,250.00** | **526,700.00** | **1,618,510.00** |
| 1 | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 74,708.00 | 68,873.16 | 69,291.48 | 212,872.64 |
| 2000 | Manutensjoni u Xogħolijiet oħra | 238,390.28 | 259,552.28 | 270,604.28 | 768,546.84 |
| 7000 | Infieq Kapitali | 416,440.00 | 169,000.00 | 180,000.00 | 765,440.00 |
| | TOTAL | **729,538.28** | **497,425.44** | **519,895.76** | **1,746,859.48** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **(142,978.28)** | **7,824.56** | **6,804.24** | **(128,349.48)** |
| | **BROUGHT FORWARD** | 168,641.42 | 25,663.14 | 33,487.70 | 168,641.42 |
| | **CARRIED FORWARD** | 25,663.14 | 33,487.70 | 40,291.94 | 40,291.94 |

## 5.2 Noti

### Id-Dħul

Dwar l-allokazzjoni diretta li ssir mill-Gvern Ċentrali, qed nassumu żidiet ta' madwar 1.5% u 0.5% għas-sena 2012 u s-sena 2013 rispettivament.

Qed ninvestigaw opportunitajiet ġodda biex entitajiet tal-Gvern jiffinanzjaw uħud mill-proġetti kapitali tal-Kunsill.

### L-Infiq

Żieda fl-emolumenti personali dovuta għal żidiet fil-pagi għall-għoli tal-ħajja.

Il-proġetti kapitali ser ikunu stabbilizzati fl-estimi annwali.

## 5.3 Stima tad-Dħul għal Tlett Snin

| NRU. TAL-KONT | DESKRIZZJONI | STIMA 2011 (€) | STIMA 2012 (€) | STIMA 2013 (€) | STIMA 2011 - 2013 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | |
| 0001 | Annwali | 395,920.00 | 402,550.00 | 404,000.00 | 1,202,470.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 9,000.00 | 15,000.00 | 15,000.00 | 39,000.00 |
| 0004 | Entitajiet Publiċi/governattivi | | | | |
| 0015 | Oħrajn | | | | |
| | | **404,920.00** | **417,550.00** | **419,000.00** | **1,241,470.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | | | | |
| 0056 | Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | 176,440.00 | 80,000.00 | 100,000.00 | 356,440.00 |
| 0066 | Ġenerali | 4,000.00 | 6,200.00 | 6,500.00 | 16,700.00 |
| | | **180,440.00** | **86,200.00** | **106,500.00** | **373,140.00** |
| 0090 | Investiment | | | | |
| 0091 | Interess Bankarju | 1,200.00 | 1,500.00 | 1,200.00 | 3,900.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **1,200.00** | **1,500.00** | **1,200.00** | **3,900.00** |
| | TOTAL | **586,560.00** | **505,250.00** | **526,700.00** | **1,618,510.00** |

## 5.4 Stima ta' l-Infiq għal Tlett Snin

| NRU. TAL-KONT | DESKRIZZJONI | STIMA 2011 (€) | STIMA 2012 (€) | STIMA 2013 (€) | STIMA 2011 - 2013 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 6,364.00 | 6,498.00 | 6,541.00 | 19,403.00 |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 52,820.00 | 46,361.00 | 46,686.00 | 145,867.00 |
| 1300 | Bonus | 3,925.00 | 4,369.52 | 4,394.24 | 12,688.76 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 545.00 | 605.64 | 605.64 | 1,756.28 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Soċjali | 3,543.00 | 3,528.00 | 3,553.60 | 10,624.60 |
| 1600 | 'Allowances' | 7,511.00 | 7,511.00 | 7,511.00 | 22,533.00 |
| 1700 | 'Overtime' | | | | |
| | | **74,708.00** | **68,873.16** | **69,291.48** | **212,872.64** |
| 2000 | Manutensjoni u Xogħolijiet oħra | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 5,940.00 | 7,000.00 | 7,084.00 | 20,024.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 1,000.00 | 1,200.00 | 2,000.00 | 4,200.00 |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 36,000.00 | 45,000.00 | 46,400.00 | 127,400.00 |
| 2400 | Kera | 4,983.00 | 4,983.00 | 4,983.00 | 14,949.00 |
| 2500 | Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Internazz. | 1,200.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,200.00 |
| 2600 | Spejjes ta' l-Ufficju | 6,000.00 | 6,700.00 | 6,800.00 | 19,500.00 |
| 2700 | Trasport | 1,000.00 | 1,200.00 | 1,200.00 | 3,400.00 |
| 2800 | Vjaġġar/safar | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 10,500.00 |
| 2900 | Informazzjoni għal-Publiku | 4,500.00 | 5,000.00 | 5,200.00 | 14,700.00 |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 135,767.28 | 144,469.28 | 148,937.28 | 429,173.84 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 8,000.00 | 8,000.00 | 10,000.00 | 26,000.00 |
| 3200 | Training | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 28,000.00 | 28,000.00 | 30,000.00 | 86,000.00 |
| 3400 | Spejjes Inċidentali | 2,000.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 7,000.00 |
| | | **238,390.28** | **259,552.28** | **270,604.28** | **768,546.84** |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib | 20,000.00 | 24,000.00 | 20,000.00 | 64,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 396,440.00 | 145,000.00 | 160,000.00 | 701,440.00 |
| | | **416,440.00** | **169,000.00** | **180,000.00** | **765,440.00** |
| | TOTAL | 729,538.28 | 497,425.44 | 519,895.76 | 1,746,859.48 |

# *6.0 L-Iżvilupp Kapitali*

## 6.1 Stima ta' l-Iżvilupp Kapitali għal Tlett Snin

| **Nru. tal-Kont** | **Infieq Kapitali** | 2011 | | 2012 | | 2013 | | 2011-13 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Proġett | Deskrizzjoni tal-Proġett | OĠĠETT € | PROĠETT € | OĠĠETT € | PROĠETT € | OĠĠETT € | PROĠETT € | OĠĠETTI € |
| **7001** | **Xiri ta'** Proprjeta' | | | | | | | |
| **7100** | **Bini/** Kostruzzjoni | | | | | | | |
| **7200** | **Titjib** | **20,000.00** | 20,000.00<br>20,000.00 | **24,000.00** | 24,000.00<br>24,000.00 | **20,000.00** | 20,000.00<br>2,000.00 | **64,000.00** |
| **7300** | **Makkinarju/** Apparat | | | | | | | |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | **396,440.00** | 396,440.00<br>396,440.00 | **145,000.00** | 145,000.00<br>14,500.00 | **160,000.00** | 160,000.00<br>160,000.00 | **701,440.00** |
| | TOTAL **Proġetti Ġodda** | **416,440.00** | | **169,000.00** | | **180,000.00** | | **765,440.00** |